MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 224/2014

**Illum il-14 ta’ Mejju, 2014.**

**Rikors Numru 224/14 SM**

**Fl-ismijiet:**

**Marina Lowell**

**(karta ta’ l-identita` numru 734952 (M))**

**u**

**zewgha Leslie Lowell**

**(karta ta' l-identita` numru 480345 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat is-17 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi r-rikors *de quo* hu *a tenur* tal-artiklu 28 *et sequitur* tal-*Council Regulation (EC) No. 2201/2003* rigwardanti r-rikonoxximent u l-enforzabilita` ta' sentenzi fuq kwistjonijiet matrimonjali u fuq ir-responsabbilta` tal-genituri;

1.2. Illi r-rikorrenti huma n-nanniet materni tas-segwenti minuri:

1.2.1. Hollie Dawn Newling – Ward imwielda t-23 ta' Novembru, 2005;

1.2.2. Oscar Nicholas Newling – Ward imwieled it-13 t'Ottubru, 2008;

1.3. Illi r-rikorrenti kienu talbu u ottjenew *Special Guardianship Order* datat is-27 ta' Marzu, 2013, mill-*High Court of Justice (Family Division)* fl-Ingilterra;

1.4. Illi in vista tal-premess, u a bazi tad-dokumentazzjoni minnhom ipprezentata, ir-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti odjerna s-segwenti:

1.4.1. Illi tirregistra l-ordni tal-qorti Ingliza fuq riferita, Kaz Numru IL12C00609;

1.4.2. Illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, l-imsemmi ordni esteru jkun enforzabbli fil-gzejjer Maltin;

2. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

3.0. Rat ir-risposta tad-Direttur tal-iStandards fil-Harsien Socjali datat it-28 ta' Marzu, 2014, li sintetikament espona s-segwenti:

3.1. Illi ma jsib l-ebda oggezzjoni kontra l-enforzabilita` tas-sentenza estera in dizamina fuq riferita;

3.2. Illi dan pero`, purche` m'hemmx prezenti wahda mir-ragunijiet riferiti fl-artiklu 31 tal-imsemmi Regolament tal-Kunsill;

4. Rat in-nota ulterjuri tal-istess Direttur fuq indikat datata l-15 t'April, 2014;

5. Rat ukoll ir-rikors datat il-25 t'April, 2014, u d-digriet konsegwenzjali datat it-28 t'April, 2014, li permezz tieghu laqghet it-talba ghall-infurzabilita` tal-istess rikors guramentat promotur;

6. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fuq riferiti;

Ikkunsidrat:

7. Illi wara li ezaminat id-dokumentazzjoni kollha esebita, jirrizulta li din hi debitament awtentika;

8. Illi tissottolinea li d-Direttur koncernat fuq riferit esprima in-nuqqas t' oggezzjoni tieghu ghat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 9);

9. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti jissodisfaw ir-rekwiziti tar-Regolament tal-Kunsill fuq riferit, u konsegwentement din il-Qorti m'ghandiex alternattiva hlief li takkolji it-talbiet taghhom u konsegwentement taghha u tiddeciedi:

**DECIDE:**

9.1. Illi tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti;

9.2. Illi tordna li l-ordni tal-qorti Ingliza fuq riferit jigi debitament registrat;

9.3. Illi l-istess ordni fuq riferit jigi ghalhekk ukoll dikjarat enforzabbli fil-gzejjer Maltin.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------